**Il-Ħakma Franċiża, 1798-1800**

Meta Napuljun niżel Malta, hu kien ħataf id-deheb, il-fidda u l-ħaġar prezzjuż kollu li rnexxielu jsib fil-Kon-Katidral tal-Kavallieri (il-Knisja ta' San Ġwann) ġewwa l-Belt u fil-bosta knejjes u istituzzjonijiet madwar il-Gżira. Ftit mill-fidda li sab iddewbet fiz-Zekka ta' Malta u nħadmet f'biċċiet ta' 30 u ta' 15-il irbiegħi li kienu juru l-bust u l-armi ta' Hompesch, l-aħħar Granmastru ta' l-Ordni li saltan f'Malta.

F'Settembru ta' l-1798 il-Maltin qamu għall-Franċiżi. Id-deheb kollu u l-fidda kollha li kien hemm fil-"Monte di Pieta", li kienet l-istituzzjoni statali tar-rahan, inqabdu mill-Franċiżi li wara nqdew bihom sabiex iħallsu t-truppi u l-abitanti tal-Belt waqt l-assedju tagħha mir-ribelli Maltin. Billi ma setgħu jinħadmu ebda muniti minħabba n-nuqqas ta' ċerti materjali, il-Franċiżi, matul l-imblokk tal-gwarniġġjon tagħhom, kienu jaqtgħu ingotti magħmulin mid-deheb u mill-fidda. Dawn l-ingotti għamlu żmien jiċċirkulaw bħala flus. L-ingotti kellhom stampat fuq naħa waħda l-armi tal-belt Valletta, u fuq l-oħra il-valur tagħhom fi Skudi, Rbajja' u Ħbub.